IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 21.3.2012
COM(2012) 130 final

2012/0064 (APP)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

## dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2012) 63}
{SWD(2012) 64}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

*Kuntest ġenerali*

Fid-deċiżjonijiet tagħha fil-każijiet Viking-Line[1] u Laval[2] il-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel darba għarfet li d-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva, inkluż id-dritt tal-istrajkar, bħala dritt fundamentali jifforma parti integrali mill-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-UE, ma' liema liġi l-Qorti tiżgura l-konformità[3]. Iddikjarat ukoll b'mod espliċitu li billi l-Unjoni Ewropea għandha funzjoni kemm ekonomika u kemm soċjali, id-drittijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-prodotti, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital għandhom ikunu bbilanċjati meta mwieżna mal-għanijiet fil-mira tal-politika soċjali, li jinkludu kondizzjonijiet imtejba tal-għajxien u tax-xogħol, ħarsien soċjali adegwat u djalogu bejn il-maniġment u l-ħaddiema[4]. Barra minn hekk, għarfet ukoll li d-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva għall-ħarsien tal-ħaddiema jikkostitwixxi interess leġittimu, li fil-prinċipju, jiġġustifika r-restrizzjonijiet fuq il-libertajiet fundamentali garantiti bit-Trattat. Il-ħarsien tal-ħaddiema huwa għalhekk wieħed mir-raġunijiet prevalenti tal-interess pubbliku rikonoxxut mill-Qorti[5].

Minkejja din il-kjarifika, id-deċiżjonijiet tal-Qorti taw bidu għal dibattitu mifrux u jaħraq dwar il-konsegwenzi tagħhom fuq il-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati, u b'mod aktar ġenerali, fuq kemm it-trejdjunjins jistgħu jkomplu jħarsu d-drittijiet tal-ħaddiema f'sitwazzjonijiet transfruntiera. B'mod partikolari, qajmu kontroversja dwar l-adegwatezza tar-regoli eżistenti tal-UE għall-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-kuntest tal-libertà li tagħti servizz u l-libertà tal-istabbiliment[6].

Dan id-dibattitu attira firxa wiesgħa ta' partijiet interessati inklużi msieħba soċjali, politiċi, professjonisti legali u persuni akkademiċi. Filwaqt li wħud mill-parteċipanti fid-dibattitu aċċettaw id-deċiżjonijiet bħala kjarifika meħtieġa tar-regoli dwar is-Suq Intern, ħafna oħrajn interpretaw id-deċiżjonijiet tal-Qorti bħala rikonoxximent tal-preminenza tal-libertajiet ekonomiċi fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali li jimplika riskju, jekk mhux anki jagħti permess, li jkun hemm "dumping soċjali" u kompetizzjoni inġusta. Aspett partikolari enfasizzat mill-kritiċi kien li l-Qorti, filwaqt li rrikonoxxiet id-dritt li tieħu azzjoni kollettiva, inkluż id-dritt tal-istrajkjar, bħala dritt fundamentali li jifforma parti integrali mill-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-UE, irrikonoxxiet espliċitament ukoll li "xorta jibqa' l-fatt li l-eżerċizzju tiegħu jista' jkun suġġett għal ċerti restrizzjonijiet"[7]. Dan tal-aħħar jista' jxekkel partikolarment l-abbiltà tat-trejdjunjins li jieħdu azzjoni biex iħarsu d-drittijiet tal-ħaddiema.

---

1 Deċiżjoni tal-11.12.2007, kawża C-438/05.

2 Deċiżjoni tat-18.12.2007, kawża C-341/05.

3 Punti 44 (Viking-Line) u 91 (Laval).

4 Punti 79 (Viking-Line) u 105 (Laval).

5 Punt 77 (Viking-Line); cf. punt 103 (Laval).

6 Rapport dwar il-ħidma konġunta tal-imsieħba soċjali Ewropej fuq id-deċiżjonijeit tal-QEĠ fil-każijiet Viking Laval, Rüffert u l-Lussemburgu, tad-19 ta' Marzu 2010.

7 L-aħħar parti tal-ewwel sentenza fil-punt 44 (Viking-Line) u 91 (Laval).

Skont il-Professur Monti[8], id-deċiżjonijiet tal-Qorti fl-2007 u l-2008[9] kixfu evidenza ta' nuqqasijiet li hemm bejn is-Suq Uniku u d-dimensjoni soċjali fil-livell nazzjonali. Dawn "fetħu mill-ġdid ferita li qatt ma fieqet: id-diviżjoni bejn dawn favur integrazzjoni usa' tas-suq u dawk li jħossu li s-sejħa għal-libertajiet ekonomiċi u għall-frammentazzjoni tal-ostakoli regolatorji jfisser l-iżmantellar tad-drittijiet soċjali protetti fil-livell nazzjonali." Huwa enfasizza wkoll li "il-qawma mill-ġdid ta' din id-diviżjoni għandha l-potenzjali li tbiegħed mis-Suq Uniku u l-UE parti mill-opinjoni pubblika, bħal movimenti tal-ħaddiema u entitajiet sindakali, li tul iż-żmien kienet sostenitur ewlieni tal-integrazzjoni ekonomika."

*It-Trattat ta' Liżbona*

Skont l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, is-suq intern għandu jimmira li joħloq ekonomija tas-suq soċjali li hija tassew kompetittiva, li l-għan tagħha jkun livell massimu ta' impjiegi u progress soċjali. Fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni Ewropea għandha tieħu kont tal-ħtiġijiet marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa u mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali[10]. Barra minn hekk, bit-Trattat ta' Liżbona, it-tinqix tad-drittijiet fundamentali fil-liġi primarja ssaħħet minħabba l-fatt li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea issa għandha valur legali ekwivalenti għat-Trattat[11].

Id-dimensjoni soċjali hija element essenzjali tas-suq intern, li ma jistax jiffunzjoni kif suppost mingħajr dimensjoni soċjali soda u l-appoġġ taċ-ċittadini[12].

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet ukoll li l-Unjoni ma għandhiex biss funzjoni ekonomika iżda għandha wkoll waħda soċjali. Id-drittijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) dwar il-moviment liberu tal-prodotti, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital, għandhom għalhekk jiġu implimentati skont l-għanijiet fil-mira tal-politika soċjali, li jinkludu, kif jidher ċar mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE, *inter alia,* kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol imtejba, protezzjoni soċjali xierqa u djalogu bejn min imexxi u l-ħaddiema.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 152 TFUE, l-Unjoni timmira li tirrikonoxxi, tippromwovi u tkompli ssaħħaħ l-irwol tal-imsieħba soċjali fil-livell tal-UE, u li tiffaċilita d-djalogu bejniethom, filwaqt li tqis id-diversità tas-sistemi nazzjonali u tirrispetta l-awtonomija tal-imsieħba soċjali.

Fid-Dikjarazzjoni Sollenni tiegħu tat-18/19 ta' Ġunju 2009 dwar id-drittijiet tal-ħaddiema, il-politika soċjali u kwistjonijiet oħra, il-Kunsill Ewropew tenna wkoll li t-Trattati kif ġew modifikati bit-Trattat ta' Liżbona jistipulaw li l-Unjoni Ewropea għandha tirrikonoxxi u tippromwovi l-irwol tal-imsieħba soċjali.

*Id-dritt għal negozjar kollettiv — id-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva — id-dritt jew il-libertà li wieħed jistrajkja*

---

8 Ir-rapport "Strateġija ġdida għas-suq uniku" lill-President tal-Kummissjoni, tad-9 ta' Mejju 2010, p. 68.

9 Barra mid-deċiżjonijiet li diġà ssemmew fil-każijiet Viking-Line u Laval, ara wkoll il-każ Rüffert u l-Kummissjoni v il-Lussemburgu.

10 L-Artikolu 9 TFUE.

11 L-Artikolu 6 TUE.

12 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Id-Dimensjoni Soċjali tas-Suq Intern" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) mis-Sur Janson, ĠU 2011 C44/90.

Anki jekk l-istrumenti rilevanti mhux dejjem jirreferu b'mod esplicitu għad-dritt jew il-libertà li wieħed jistrajkja, id-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva, li huwa korollarju tad-dritt għal negozjar kollettiv, huwa rikonoxxut minn diversi strumenti internazzjonali li l-Istati Membri jkunu ffirmaw jew ikkooperaw fihom[13]. Dan huwa inkluż fi strumenti żviluppati minn dawk l-Istati Membri f'livell tal-UE[14] u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea proklamata f'Nizza fis-7 ta' Diċembru 2000[15], kif adottata fi Strasburgu fit-12 ta' Diċembru 2008[16]. Dan igawdi wkoll minn ħarsien kostituzzjonali f'għadd ta' Stati Membri.

F'dan il-kuntest, l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jirrikonoxxi b'mod esplicitu d-dritt għal negozjar kollettiv, li, f'każijiet ta' kunflitt ta' interess, jinkludi d-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva biex jitħarsu l-interessi, inkluża azzjoni ta' strajk[17].

Skont il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, id-dritt għal negozjar kollettiv u li tinnegozja u tidħol fi ftehimiet kollettivi jikkostitwixxi element inerenti mid-dritt tal-assoċjazzjoni, jiġifieri d-dritt li wieħed iwaqqaf jew jingħaqad ma' trejdjunjin biex iħares l-interessi tiegħu, kif inhu stipulat fl-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali[18].

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem[19] irrikonoxxiet ukoll li, fil-qasam tal-libertà marbuta mat-tejdjunjins, fid-dawl tan-natura sensittiva tal-kwistjonijiet soċjali u politiċi involuti biex jinkiseb bilanċ tajjeb bejn l-interessi rispettivi tal-ħaddiema u tal-maniġment, u minħabba d-differenzi kbar bejn is-sistemi nazzjonali f'dan il-qasam, l-Istati Kontraenti jgawdu minn marġni wiesgħa ta' apprezzament fir-rigward ta' kif tista' tiġi żgurata l-libertà tat-trejdjunjins biex jipproteġu l-interessi okkupazzjonali tal-membri tagħhom. Madankollu, tinnota li din il-marġni mhix bla limitu iżda timxi id f'id ma' superviżjoni mill-Qorti, li l-kompitu tagħha hu li tagħti deċiżjoni finali dwar jekk restrizzjoni tistax tiġi rikonċiljata mal-libertà tal-assoċjazzjoni, kif inhi protetta mill-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB).

Madankollu, kif jirrikonoxxu l-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem[20], id-dritt tal-istrajkjar mhux wieħed assolut u, għalhekk, l-eżerċizzju tiegħu jista' jkun suġġett għal ċerti restrizzjonijiet, li jistgħu jirriżultaw minn kostituzzjonijiet, liġijiet u prattiki nazzjonali. Kif inhu kkonfermat fl-Artikolu 28 tal-Karta, dan għandu jiġi eżerċitat f'konformità mal-liġi tal-Unjoni Ewropea u l-liġijiet u l-prattiki nazzjonali.

---

13 Bħal pereżempju l-Karta Soċjali Ewropea, iffirmata f'Turin fit-18 ta' Ottubru 1961 — li għaliha, issir referenza esplicita fl-Artikolu 151 TFUE — u l-Konvenzjoni Nru 87 tad-9 ta' Lulju 1948 tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol dwar il-Libertà tal-Assoċjazzjoni u l-Ħarsien tad-Dritt għall-Organizzazzjoni.

14 Bħal pereżempju l-Karta tal-Komunità tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema adottata fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, li saret fi Strasburgu fid-9 ta' Diċembru 1989, li hi msemmija wkoll fl-Artikolu 151 TFUE.

15 ĠU C 364 2000, p. 1.

16 Cf. L-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

17 B'referenza ġenerali għall-Karta fl-Artikolu 6 TUE, id-dritt għal negozjar kollettiv issa huwa inkorporat b'mod ċar fil-liġi primarja (cf. Opinjoni AG Trstenjak fil-każ C-271/08, il-Kummissjoni v il-Ġermanja, punt 79).

18 Deċiżjoni tal-QEDB tat-12 ta' Novembru 2008, Demir, punti 153/154 ma' 145.

19 Deċiżjoni tal-QEDB, 27 ta' April 2010, kawża Vördur Olaffson v l-Islanda, punt 74/75.

20 Irreferi, pereżempju, għad-deċiżjoni tal-21.4.2009, Enerji Yapi-Yol Sen v it-Turkija (68959/01), punt 32.

Għaldaqstant, it-trejdjunjins għandhom rwol importanti f'dan ir-rigward u għandhom, kif inhu kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja, ikunu jistgħu jieħdu azzjoni biex jipproteġu d-drittijiet tal-ħaddiema, inkluża l-possibbiltà li jordnaw lill-membri tagħhom jistrajkjaw u li jiġu ordnati bojkotts jew imblokki biex iħarsu l-interessi u d-drittijiet tal-ħaddiema u jiżguraw li jitħarsu l-impjiegi jew il-kondizzjonijiet tal-impjieg, sakemm dan isir f'konformità mal-liġijiet u l-prattiki tal-Unjoni Ewropea u dawk nazzjonali.

*Il-libertajiet ekonomiċi — restrizzjonijiet — Il-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema*

Il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz huma parti mill-prinċipji fundamentali tal-liġi tal-UE. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, restrizzjoni fuq dawk il-libertajiet tista' tiġi awtorizzata biss jekk din ikollha għan leġittimu li huwa kompatibbli mat-Trattat u jekk tkun ġustifikata minn raġunijiet prevalenti ta' interess pubbliku. Jekk dan ikun il-każ, għandha tkun adegwata biex jinkiseb l-għan fil-mira, u ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dan l-għan.

Il-ħarsien tal-ħaddiema, partikolarment il-protezzjoni soċjali tagħhom u l-protezzjoni tad-drittijiet tagħhom, kif ukoll ix-xewqa li jiġi evitat it-taqlib fis-suq tax-xogħol, ġew rikonoxxuti bħala raġunijiet prevalenti ta' interess ġenerali li jiġġustifikaw restrizzjonijiet fuq l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali tal-liġi tal-UE.

Barra minn hekk, il-Qorti rrikonoxxiet li l-Istati Membri jgawdu minn marġni ta' apprezzament u diskrezzjoni fir-rigward tal-prevenzjoni tal-ostakoli għal-libertà tal-moviment li jinħolqu minħabba l-imġiba tal-atturi privati.

Fil-qosor, il-libertajiet ekonomiċi u d-drittijiet fundamentali, kif ukoll l-eżerċizzju effettiv tagħhom, it-tnejn li huma jistgħu jkunu suġġetti għal restrizzjonijiet u limitazzjonijiet.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

### 2.1. Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Kif ġie indikat fuq, id-deċiżjonijiet tal-Qorti fil-każijiet Viking-Line, Laval, Rüffert u l-Kummissjoni v il-Lussemburgu bejn l-2007 u l-2008 taw bidu għal dibattitu jaħraq, partikolarment, dwar il-konsegwenzi tal-libertà li tagħti servizz u l-libertà tal-istabbiliment għall-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema u l-irwol tat-trejdjunjins fil-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema f'sitwazzjonijiet transfruntiera.

It-trejdjunjins Ewropej jinterpretaw dawn id-deċiżjonijiet bħala antisoċjali. Huma jridu li l-leġiżlazzjoni tiġi emendata biex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni legali u biex jiġi prevenut li l-imħallfin jieħdu deċiżjonijiet kontra dak li huma jqisu bħala drittijiet tal-ħaddiema f'każijiet futuri. Għal dan il-għan, huma ressqu żewġ talbiet prinċipali biex:

– issir reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Impjieg tal-Ħaddiema (id-Direttiva 96/71/KE) biex tiġi inkluża referenza għall-prinċipju ta' "paga ndaqs għall-istess xogħol" u biex "l-Istat Membru ospitanti" ikun jista' japplika kondizzjonijiet iktar favorevoli mit-termini u l-kondizzjonijiet prinċipali tal-impjieg skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva;

– jiġi introdott "Protokoll għall-Progress Soċjali" fit-Trattat biex tingħata prijorità lid-drittijiet soċjali fundamentali fuq il-libertajiet ekonomiċi.

Partijiet interessati oħra għandhom opinjoni differenti. BusinessEurope laqgħet il-kjarifika li kien hemm bid-deċiżjonijiet tal-Qorti u ma tqisx li d-Direttiva għandha bżonn ta' reviżjoni. Ħafna mill-Istati Membri esprimew opinjonijiet simili. Uħud mill-Istati Membri (SE, DE, LU u DK) immodifikaw il-leġiżlazzjoni tagħhom sabiex ikunu konformi mad-deċiżjonijiet.

F'Ottubru 2008, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni li titlob lill-Istati Membri kollha biex jinfurzaw kif xieraq id-Direttiva dwar l-Impjieg tal-Ħaddiema u li titlob lill-Kummissjoni biex ma teskludix ir-reviżjoni parzjali tad-Direttiva wara li tevalwa bir-reqqa l-problemi u l-isfidi[21]. Fl-istess ħin, enfasizza li l-libertà li tagħti servizz bħala "mill-punti fundamentali tal-proġett Ewropew; jikkunsidra madankollu, li dan għandu jkun ibbilanċat, minn naħa, fir-rigward tad-drittijiet fundamentali u l-objettivi soċjali stabbiliti fit-Trattati u min-naħa l-oħra rigward id-dritt tas-sħab pubbliċi u soċjali biex jiżguraw in-nuqqas ta' diskriminazzjoni, it-trattament ugwali, u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol"[22]. Fit-2 ta' Ġunju 2010, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali organizza seduta ta' smigħ ma' tliet esperti (li kienu qed jirrappreżentaw lill-Kummissjoni, l-KETU u BE) fejn il-Membri tal-Parlament Ewropew Soċjalisti u Demokratiċi, tax-Xellug u l-Ħodor talbu lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni bejn wieħed u ieħor dwar l-istess affarijiet li ppoponiet il-KETU.

Wara stedina konġunta mingħand il-Kummissarju Špidla u l-Ministru Bertrand (li kien qed jaġixxi bħala President tal-Kunsill) fil-Forum ta' Ottubru 2008, l-imsieħba soċjali Ewropej qablu li jwettqu analiżi konġunta tal-konsegwenzi tad-deċiżjonijiet tal-Qorti fil-kuntest tal-mobbiltà u l-globalizzazzjoni. F'Marzu 2010[23], l-Imsieħba Soċjali Ewropej ħarġu rapport dwar il-konsegwenzi tad-deċiżjonijiet tal-QEĠ. Id-dokument wera d-differenzi kbar ta' bejniethom. Filwaqt li BusinessEurope ma taqbilx mar-reviżjoni tad-Direttiva (iżda taqbel li hemm bżonn li jiġu ċċarati ċerti aspetti relatati mal-infurzar), il-KETU trid li tiġi emendata kollha kemm hi.

Fl-2010, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni dwar id-"Dimensjoni Soċjali tas-Suq Uniku"[24], fejn talab li tiġi implimentata b'mod aktar effettiv id-Direttiva 96/71 u esprima l-appoġġ għal inizjattiva tal-Kummissjoni biex tiċċara l-obbligi legali għall-awtoritajiet nazzjonali, in-negozji u l-ħaddiema, inkluża reviżjoni parzjali tad-Direttiva. L-opinjoni tinkoraġġixxi wkoll lill-Kummissjoni li teżenta d-dritt tal-istrajkjar mis-Suq Uniku u li tesplora l-idea ta' "Interpol Soċjali Ewropew", li jappoġġja l-attivitajiet tal-ispettorati tax-xogħol tad-diversi Stati Membri.

Il-Professur Monti, fir-rapport tiegħu "Strateġija ġdida għas-Suq Uniku", rrikonoxxa l-kontroversja li qamet minħabba d-deċiżjonijiet tal-Qorti, u rrakkomanda li:

– Għandha tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Impjieg tal-Ħaddiema u tissaħħaħ id-disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-

[21] Riżoluzzjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-isfidi għall-ftehimiet kollettivi fl-UE (2008/2085(INI)), punti 25 u 30.
[22] Punt 1; ara wkoll il-punti 17 u 31:
[23] It-test ġie ppreżentat waqt il-konferenza ta' Oviedo f'Marzu 2010, organizzata mill-Presidenza Spanjola. Id-dibattiti għal darba oħra wrew li l-partijiet interessati kellhom opinjonijiet differenti.
[24] Opinjoni 2011/C 44/15.

ħaddiema u l-kumpaniji, il-kooperazzjoni amministrattiva u s-sanzjonijiet fil-qafas tal-moviment liberu tal-persuni u l-għoti transfruntier tas-servizzi;

– Għandha tiġi introdotta dispożizzjoni li tiggarantixxi d-dritt tal-istrajkjar, imfassla fuq l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98 (l-hekk imsejjaħ *Regolament Monti II*) u mekkaniżmu għal riżoluzzjoni informali tat-tilwim industrijali rigward l-applikazzjoni tad-Direttiva.

F'Ottubru 2010, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika dwar kif tista' ssaħħaħ mill-ġdid is-Suq Uniku bil-Komunikazzjoni tagħha "Lejn Att dwar is-Suq Uniku — Għal ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna — 50 proposta biex intejbu l-ħidma, in-negozju u l-iskambji ma' xulxin"[25]. Hija ressqet żewġ proposti (numri 29 u 30) imfasslin biex jerġgħu jkattru l-fiduċja u l-appoġġ fost iċ-ċittadini, waħda dwar il-bilanċ bejn id-drittijiet soċjali fundamentali u l-libertajiet ekonomiċi u l-oħra dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema.

– Il-proposta nru 29: "Abbażi tal-istrateġija ġdida tagħha għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni se tiżgura li d-drittijiet garantiti mill-Karta, inkluż id-dritt għal azzjonijiet kollettivi, ikunu kkunsidrati. …"

– Il-proposta nru 30: "Fl-2011, il-Kummissjoni se tadotta proposta leġiżlattiva bl-għan li ttejjeb l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema, li se tinkludi jew tkun kompletata permezz ta' kjarifika tal-eżerċizzju tad-drittijiet soċjali fundamentali fil-kuntest tal-libertajiet ekonomiċi tas-suq uniku."

Il-konsultazzjoni pubblika wriet interess u appoġġ kbir għal dawn l-azzjonijiet mill-unjonijiet, iċ-ċittadini individwali u l-NGOs.

Il-proposta 29 dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-valutazzjoni tal-impatt soċjali hija kkunsidrata bħala waħda mill-kwistjoni l-iktar importanti minn 740 persuna li wieġbu (minn fost iktar minn 800).

L-imsieħba soċjali Ewropej wieġbu għall-konsultazzjoni tul il-linji stabbiliti tagħhom. Il-KETU tenniet it-talba tagħha għal "Protokoll dwar il-Progress Soċjali" li jemenda t-Trattat u sostniet li l-Kummissjoni ma għandhiex biss tiċċara u ttejjeb l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Impjieg tal-Ħaddiema, iżda għandha tirrevediha kollha kemm hi wkoll. BusinessEurope appoġġjat l-approċċ tal-Kummissjoni għal implimentazzjoni u nfurzar aħjar tad-Direttiva eżistenti.

Fl-opinjoni tal-KETU l-idea tal-hekk imsejjaħ regolament Monti II kienet pass pożittiv fid-direzzjoni t-tajba (u din l-opinjoni ħarġet ukoll b'mod ċar minn diversi tweġibiet tat-trejdjunjins nazzjonali) flimkien mal-Protokoll dwar il-Progress Soċjali. Il-kontribut ta' BusinessEurope ma jikkostitwixxix dikjarazzjoni ċara, iżda donnu jitfa' dubju fuq il-valur miżjud tiegħu, u dan jindika biċ-ċar li ma għandhiex tiġi ddubitata l-esklużjoni tad-dritt tal-istrajkjar mill-kompetenzi tal-UE.

Wara d-dibattitu mifrux u abbażi tal-kontribut li ngħata waqt id-dibattitu pubbliku, il-Kumissjoni adottat il-Komunikazzjoni "L-Att dwar is-Suq Uniku — Tnax-il xprun sabiex jiġi

[25] COM (2010) 608 finali/2, 11.11.2010.

stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja" fit-13 ta' April 2011[26]. L-inizjattivi leġiżlattivi rigward l-istazzjonar tal-ħaddiema huma fost it-tnax-il azzjoni prinċipali inklużi fil-kapitolu dwar il-koeżjoni soċjali: "***leġiżlazzjoni maħsuba sabiex ittejjeb u ssaħħaħ it-transpożizzjoni, l-applikazzjoni u r-rispett fil-prattika tad-direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema**, li tinkludi miżuri għall-prevenzjoni u ssanzjonar ta' kull abbuż u tagħwiġ tar-regoli applikabbli, akkumpanjata minn **leġiżlazzjoni bl-għan li tikkjarifika l-eżerċizzju tal-libertajiet tal-istabiliment u tal-forniment tas-servizzi flimkien mad-drittijiet soċjali fundamentali***.

Wara l-adozzjoni tal-Att dwar is-Suq Uniku, il-Parlament Ewropew adotta tliet riżoluzzjonijiet fis-6 ta' April 2011[27]. Madankollu, b'differenza mill-kwistjoni iktar ġenerali tal-mobbiltà (u l-portabbiltà tad-drittijiet tal-pensjoni), l-istazzjonar tal-ħaddiema ma kinitx waħda mill-prijoritajiet prinċipali identifikati.

B'kuntrast ma' dan, l-istazzjonar tal-ħaddiema u l-libertajiet ekonomiċi mhumiex fost il-prijoritajiet identifikati mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[28].

Fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar il-prijoritajiet għat-tnedija mill-ġdid tas-Suq Uniku, il-Kunsill:

'14. JIKKUNSIDRA li l-implimentazzjoni u l-infurzar adegwati tad-Direttiva dwar l-Impjieg tal-Ħaddiema jistgħu jikkontribwixxu għal ħarsien aħjar tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati u jiżguraw li jkun hemm iktar ċarezza fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi tan-negozji li jipprovdu servizz, kif ukoll tal-awtoritajiet nazzjonali u jistgħu jgħinu l-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni tar-regoli applikabbli; barra minn hekk JIKKUNSIDRA li hemm bżonn ta' iktar ċarezza fl-eżerċizzju tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà tal-għoti ta' servizz u li dawn jeżistu flimkien mad-drittijiet soċjali fundamentali;"[29]

Il-Konferenza dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali u l-Istazzjonar tal-Ħaddiema (li saret bejn is-27 u t-28 ta' Ġunju 2011) laqqgħet lill-ministri, l-imsieħba soċjali, ir-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-persuni akkademiċi sabiex dawn jiddiskutu l-għażliet regolatorji disponibbli u l-kontenut possibbli tal-inizjattivi leġiżlattivi u biex ikunu jistgħu jidentifikaw soluzzjonijiet fattibbli[30]. Din kellha l-għan li tagħti kontribut, permezz ta' dibattitu kostruttiv u miftuħ, lejn viżjoni iktar kondiviża u li tippreżenta r-riżultati ta' studji reċenti.

Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni ta' Krakovja[31] reġgħet enfasizzat li l-għoti transfruntier tas-servizzi u l-mobbiltà tal-ħaddiema ppostjati huma elementi essenzjali tas-Suq Uniku. L-iffaċilitar tal-għoti temporanju tas-servizzi transfruntiera għandu jimxi id f'id mal-garanzija ta' livell adegwat u xieraq ta' ħarsien għall-ħaddiema ppostjati fi Stat Membru ieħor biex jagħtu dawn is-servizzi.

[26] COM(2011) 206 finali

[27] Dwar Suq Uniku għall-Impriżi u t-Tkabbir [2010/2277(INI)], Suq Uniku għall-Ewropej [2010/2278(INI)], u l-Governanza u s-Sħubija fis-Suq Uniku [2010/2289(INI)].

[28] L-opinjoni tas-Sra Federspiel, is-Sur Siecker u s-Sur Voles, INT 548, 15 ta' Marzu 2011.

[29] It-3094 laqgħa tal-Kunsill tal-Kompetittività, it-30 ta' Mejju 2011.

[30] Għal iktar informazzjoni ara d-diskorsi prinċipali u d-dokumenti relatati: http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=471&eventsId=347&furtherEvents=yes.

[31] Il-Forum dwar is-Suq Uniku, Krakovja, bejn it-3 u l-4 ta' Ottubru 2011, b'mod partikolari l-ħames paragrafu tad-Dikjarazzjoni u l-punt 5 tal-Konklużjonijiet operattivi.

## 2.2 Valutazzjoni tal-Impatt

F'konformità mal-politika tagħha dwar regolamentazzjoni aħjar, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt dwar diversi alternattivi ta' politika, ibbażata fuq studju estern[32].

Il-kawżi tal-problemi identifikati tpoġġew fi gruppi taħt erba' intestaturi, il-problema 4 ("tensjonijiet bejn il-libertà li tagħti servizz/tal-istabbiliment u r-relazzjonijiet industrijali nazzjonali") hija rilevanti b'mod dirett għall-proposta attwali. Id-deċiżjonijiet tal-Qorti, b'interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva u tat-Trattat, fil-każijiet Viking u Laval, esponew tensjonijiet sottostanti bejn il-libertajiet li tagħti servizz u tal-istabbiliment, u l-eżerċizzju ta' drittijiet fundamentali bħal pereżempju d-dritt għal negozjar kollettiv u d-dritt għal azzjoni industrijali. B'mod partikolari, it-trejdjunijs interpretaw id-deċiżjonijiet bħala impożizzjoni ta' skrining tal-azzjonijiet industrijali mill-UE jew mill-qrati nazzjonali, meta tali azzjoni tkun tista' taffettwa jew tkun detrimentali għall-eżerċizzju tal-libertà li tipprovdi servizz jew għal-libertà tal-istabbiliment. Perċezzjonijiet bħal dawn reċentement wasslu għal effetti ta' "riperkussjoni" kif jidher minn uħud mit-tilwimiet industrijali transnazzjonali. L-importanza ta' din il-problema ġiet enfasizzata fir-Rapport tal-2010 tal-Kumitat ta' Esperti tal-ILO dwar l-Applikazzjoni tal-Konvenzjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet, li esprima "tħassib serju" dwar il-limitazzjonijiet prattiċi fuq l-eżerċizzju effettiv tad-dritt tal-istrajkjar imposti mid-deċiżjonijiet tal-QEĠ. Id-dritt tal-istrajkjar huwa mnaqqax fil-Konvenzjoni Nru 87 tal-ILO, li hija ffirmata mill-Istati Membri kollha tal-UE.

L-għażliet politiċi biex jiġu indirizzati l-kawżi ta' din il-problema jinkludu xenarju ta' referenza (għażla 5), intervent mhux regolatorju (għażla 6) u intervent regolatorju fil-livell tal-UE (għażla 7).

L-għażliet 6 u 7 kienu vvalutati meta mqabbla max-xenarju ta' referenza fid-dawl tal-kapaċità tagħhom li jindirizzaw x'qed jikkawża l-problema 4 identifikata u li jilħqu l-għanijiet ġenerali, jiġifieri l-iżvilupp sostenibbli tas-Suq Uniku, ibbażat fuq ekonomija tas-suq tassew kompetittiva, il-libertà li tagħti servizz u l-promozzjoni ta' kondizzjonijiet indaqs, it-titjib tal-kondizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, ir-rispett tad-diversità tas-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali fl-Istati Membri, u l-promozzjoni tad-djalogu bejn il-maniġment u l-ħaddiema. Barra minn hekk, dawn ġew eżaminati meta mqabbla mal-għanijiet operattivi iktar speċifiċi u relatati, partikolarment it-titjib taċ-ċertezza legali fir-rigward tal-bilanċ bejn id-drittijiet soċjali u l-libertajiet ekonomiċi, b'mod partikolari fil-kuntest tal-istazzjonar tal-ħaddiema. Il-Valutazzjoni tal-Impatt, li kienet ibbażata fuq l-Istrateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, twettqet biex tidentifika d-drittijiet fundamentali li hemm ċans li jintlaqtu, il-livell ta' interferenza mad-dritt inkwistjoni u l-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-interferenza fir-rigward tal-għażliet u l-għanijiet politiċi[33].

Il-Valutazzjoni tal-Impatt identifikat impatti negattivi soċjali u ekonomiċi tax-xenarju ta' referenza. Jekk jibqa' l-inċertezzi legali, dan jista' jwassal biex jintilef l-appoġġ għas-suq uniku ta' parti importanti tal-partijiet interessati u jinħoloq ambjent tan-negozju ostili, inkluża l-possibbiltà ta' mġiba protezzjonista. Is-riskju ta' talbiet għad-danni u dubji rigward l-irwol tal-qrati nazzjonali, jista' jipprevjeni lit-trejdjunjins milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jistrajkjaw. Dan jista' joħloq impatt negattiv fuq il-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema u fuq l-

32 Il-Kuntratt dwar Diversi Oqfsa VT 2008/87, Studju bi tħejjija għal Valutazzjoni tal-Impatt rigward ir-reviżjoni possibbli tal-qafas leġiżlattiv dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema fil-kuntest tas-servizzi, (VT/2010/126).

33 COM(2010) 573 finali, p. 6-7

Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-għażliet 6 u 7 ikollhom impatti ekonomiċi u soċjali pożittivi billi dawn inaqqsu l-lok għal inċertezzi legali. L-impatt pożittiv tal-għażla 7 ikun iktar sinifikanti billi intervent leġiżlattiv (Regolament) jipprevedi iktar ċertezza legali minn approċċ li jinvolvi liġi mhux vinkolanti (l-għażla 6). Mekkaniżmu ta' twissija jista' jkollu impatt pożittiv addizzjonali. Barra minn hekk, intervent leġiżlattiv juri iktar impenn fl-approċċ politiku mill-Kummissjoni biex din tindirizza problema li hija ta' tħassib kbir għat-trejdjunjins u partijiet mill-Parlament Ewropew.

L-għażla preferuta biex jiġi indirizzat x'qed jikkawża l-problema 4, hija l-għażla 7. Din hija kkunsidrata bħala l-iktar soluzzjoni effettiva u effikaċi biex jiġi indirizzat l-għan speċifiku "tnaqqis tat-tensjonijiet bejn is-sistemi nazzjonali tar-relazzjonijiet industrijali u l-libertà li jingħata servizz" u l-iktar waħda koerenti għall-għanijiet ġenerali. Għaldaqstant hija, essenzjalment, il-bażi għall-proposta attwali.

L-abbozz tal-valutazzjoni tal-impatt ġie skrutinizzat darbtejn mill-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt (IAB) u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu għat-titjib tagħha ġew integrati fir-rapport finali. L-opinjoni tal-IAB, kif ukoll il-Valutazzjoni tal-Impatt finali u s-sommarju eżekuttiv tagħha huma ppubblikati flimkien ma' din il-proposta.

## 3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

### 3.1. Il-kuntest ġenerali — sommarju tal-azzjoni proposta

Il-każijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja li ssemmew iktar 'il fuq esponew b'żewġ modi n-nuqqasijiet li hemm bejn is-Suq Uniku u d-dimensjoni soċjali fil-livell nazzjonali. L-ewwel nett, il-każijiet ħarġu fil-beraħ il-ħtieġa li jiġi żgurat li jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva mit-trejdjunjins, inkluż id-dritt tal-istrajkjar, u l-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jingħata servizz, li huma libertajiet ekonomiċi mnaqqxa fit-Trattat. It-tieni nett, dawn komplew jenfasizzaw il-kwistjoni dwar jekk id-Direttiva dwar l-Impjieg tal-Ħaddiema għadhiex tipprovdi bażi xierqa għall-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema, meta wieħed iqis il-kondizzjonijiet differenti soċjali u tal-impjieg fl-Istati Membri. B'mod partikolari, ġew skrutinizzati l-applikazzjoni u l-infurzar tagħha fil-prattika.

Kif jidher mir-rapport tal-Professur Monti, li ssema iktar 'il fuq, iż-żewġ kwistjonijiet huma marbuta mill-qrib flimkien, iżda jirrikjedu strateġiji differenti biex jibbilanċjaw ir-rekwiżiti tas-Suq Uniku u l-ħtiġijiet soċjali. Kif inhu enfasizzat fl-Istrateġija, biex il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tiġi implimentata b'mod effettiv mill-Unjoni Ewropea, hemm bżonn li n-nies ikunu jistgħu jgawdu b'mod effettiv mid-drittijiet tagħhom imnaqqxa fil-Karta, meta jkunu f'sitwazzjoni regolata mil-liġi tal-Unjoni[34]. Barra minn hekk, ma għandux ikun li dawn il-kwistjonijiet jitħallew biex jiġu ċċarati b'litigazzjoni futura quddiem il-QEĠ jew il-qrati nazzjonali[35]. Barra minn hekk, id-dritt jew il-libertà li wieħed jistrajkja ma għandhomx ikunu biss slogan jew metafora legali.

Għaldaqstant, il-proposta attwali hija parti minn pakkett. Flimkien mal-proposta għal Direttiva ta' Infurzar, din tikkostitwixxi intervent immirat biex jiċċara l-interazzjoni bejn l-eżerċizzju tad-drittijiet soċjali u l-eżerċizzju tal-libertà tal-istabbiliment u li tagħti servizz, imnaqqxa fit-Trattat fl-UE f'konformità ma' wieħed mill-għanijiet ewlenin tat-Trattat, jiġifieri

34 COM(2010) 573 finali
35 Ir-rapport ta' Monti msemmi hawn fuq, p. 69.

"ekonomija tas-suq soċjali tassew kompetittiva", madankollu mingħajr ma tannulla tal-ġurisprudenza tal-Qorti.

Il-proposta attwali timmira li tiċċara l-prinċipju ġenerali u r-regoli applikabbli fil-livell tal-UE fir-rigward tal-eżerċizzju tad-dritt fundamentali li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà li jingħata servizz u l-libertà tal-istabbiliment, inkluż il-ħtieġa li jiġu rikonċiljati fil-prattika f'sitwazzjonijiet transfruntiera. Il-kamp ta' applikazzjoni ma jkoprix biss l-istazzjonar temporanju tal-ħaddiema fi Stat Membru għall-għoti tas-servizzi transfruntiera, iżda anki kull ristrutturar u/jew rilokazzjoni previst li jinvolvi iktar minn Stat Membru wieħed.

## 3.2. Il-bażi legali

L-Artikolu 352 tat-TFUE (riservat għal każijiet fejn it-Trattati ma jipprovdux is-setgħat neċessarji biex jiġu implimentati l-azzjonijiet neċessarji, skont il-politiki definiti fit-Trattati, biex jinkiseb wieħed mill-għanijiet tat-Trattati) huwa l-bażi legali xierqa għall-miżuri proposti.

Regolament huwa kkunsidrat bħala l-iktar strument legali xieraq biex jiċċara l-prinċipji ġenerali u r-regoli applikabbli fil-livell tal-UE sabiex jiġu rrikonċiljati l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali mal-libertajiet ekonomiċi f'sitwazzjonijiet transfruntiera. L-applikabbiltà diretta ta' Regolament se tnaqqas il-kumplessità regolatorja u toffri ċertezza legali ikbar għal dawk suġġetti għal-leġiżlazzjoni madwar l-Unjoni, billi tiċċara r-regoli applikabbli b'mod iktar uniformi. Iċ-ċarezza u s-sempliċità regolatorja hija partikolarment importanti għall-SMEs. Dan ma setax jintlaħaq b'Direttiva li, fin-natura tagħha, hija vinkolanti biss fir-rigward tar-riżultat li jrid jintlaħaq, iżda li tħalli l-għażla tal-modi u l-metodi f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali.

## 3.3. Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità

Minħabba li ma teżistix dispożizzjoni espliċita fit-Trattat fir-rigward tas-setgħat neċessarji, ir-Regolament attwali huwa bbażat fuq l-Artikolu 352 tat-TFUE.

L-Artikolu 153(5) tat-TFUE jeskludi d-dritt tal-istrajkjar mill-firxa ta' kwistjonijiet li jistgħu jiġu regolati madwar l-UE bi standards minimi permezz tad-Direttivi. Madankollu, id-deċiżjonijiet tal-Qorti wrew biċ-ċar li l-fatt li l-Artikolu 153 ma japplikax għad-dritt tal-istrajkjar ma jfissirx li jeskludi l-azzjoni kollettiva mill-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-UE.

L-għan tar-Regolament, li jiġu ċċarati l-prinċipji u r-regoli ġenerali tal-UE applikabbli għall-eżerċizzju tad-dritt fundamentali li tittieħed azzjoni industrijali fil-kuntest tal-libertà li tagħti servizz u l-libertà tal-istabbiliment, inkluża l-ħtieġa li dawn jiġu rikonċiljati fil-prattika f'sitwazzjonijiet transfruntiera, jirrikjedi azzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea u ma jistax jintlaħaq mill-Istati Membri waħedhom.

Barra minn hekk, f'konformità mat-Trattat, kull inizjattiva f'dan il-qasam se jkollha tirrispetta mhux biss l-awtonomija tal-imsieħba soċjali, iżda anki l-mudelli soċjali differenti u d-diversità tas-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali fl-Istati Membri.

Fir-rigward tal-kontenut tal-proposta, ir-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà jkompli jiġi żgurat bir-rikonoxximent tar-rwol tal-qrati nazzjonali fl-istabbiliment tal-fatti u l-aċċertament dwar jekk l-azzjonijiet jimmirawx li jilħqu għanijiet li jikkostitwixxu interess leġittimu, humiex adegwati biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, u li ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu. Tirrikonoxxi bl-istess mod l-importanza tal-liġijiet u l-proċeduri

nazzjonali eżistenti għall-eżerċizzju tad-dritt tal-istrajkjar, inklużi l-istituzzjonijiet eżistenti għar-riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim, li la se jinbidel u lanqas se jintlaqat. Tabilħaqq, il-proposta ma tistabbilixxix mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni informali tat-tilwim industrijali fil-livell nazzjonali bil-għan li tintroduċi xi tip ta' kontroll preġuriżdizzjonali fuq l-azzjonijiet tal-unjoni (kif inhu ssuġġerit fir-rapport ta' Monti tal-2010), u hija ristretta għall-indikazzjoni tal-irwol ta' mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni alternattiva informali li jeżistu f'għadd ta' Stat Membri.

Din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet previsti.

## 3.4. L-ispjegazzjoni dettaljata tal-proposta

### *3.4.1. Is-suġġett u l-hekk imsejħa klawsola ta' Monti*

Barra minn deskrizzjoni tal-għanijiet tar-Regolament, l-Artikolu 1 jinkludi wkoll dik li ħafna drabi tissejjaħ "il-klawsola ta' Monti".Din tgħaqqad it-test tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2679/98[36] u l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva tas-Servizzi[37]. Din hija wkoll konformi mat-test ta' dispożizzjonijiet simili, pereżempju, fil-proposta reċenti għal Regolament dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (Brussell I riformolat)[38] u r-Regolament adottat reċentement dwar l-iżbilanċi makroekonomiċi[39]

### *3.4.2. Ir-relazzjoni bejn id-drittijiet fundamentali u l-libertajiet ekonomiċi — prinċipji ġenerali*

Filwaqt li jtenni li m'hemmx kunflitt inerenti bejn l-eżerċizzju tad-dritt fundamentali li tittieħed azzjoni kollettiva u l-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz imnaqqxa u mħarsa mit-Trattat, bl-ebda preminenza tal-wieħed fuq l-ieħor, l-Artikolu 2 jirrikonoxxi li jistgħu jinħolqu sitwazzjonijiet fejn l-eżerċizzju tagħhom jista' jiġi rikonċiljat f'każijiet ta' kunflitt, skont il-prinċipju tal-proporzjonalità f'konformità mal-prattika standard tal-qrati u l-ġurisdizzjoni tal-UE[40].

L-ugwaljanza ġenerali tad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet tal-istabbiliment u l-għoti ta' servizzi fir-rigward ta' status, timplika li libertajiet bħal dawn jista' jkun li jiġu ristretti fl-interess tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali. Madankollu, din timplika wkoll li l-eżerċizzju ta' libertajiet bħal dawn jista' jiġġustifika restrizzjoni fuq l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet fundamentali.

Sabiex jiġi prevenut li t-trejdjunijs jiġu mxekkla b'mod effettiv jew *de facto* saħansitra projbiti milli jeżerċitaw effettivament d-drittijiet kollettivi tagħhom minħabba t-theddida ta' talbiet

---

36 Ir-Regolament tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 1998 dwar il-funzjonament tas-suq intern b'relazzjoni mal-moviment liberu tal-prodotti fost l-Istati Membri, ĠU L 337/8, 12.12.98.

37 Id-Direttiva 2006/123, ĠU L 376/36, 27.12.2006; cf. il-premessa 22 tad-Direttiva 96/71/KE.

38 COM(2010) 748 finali, 14.12.2010, l-Artikolu 85.

39 L-Artikolu 1(3), l-aħħar sentenza, ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi, ĠU L 306/25 tat-23.11.2011.

40 Opinjoni AG Cruz Villalon fil-kawża C-515/08, dos Santos Palhota e.a., punt 53. Cf Deċiżjoni tal-QEĠ fil-kawża C-438/05, Viking-Line, par. 46, il-kawża C-341/05, Laval, punt 94 u l-kawża C-271/08, il-Kummissjoni v il-Ġermanja, punt 44. Ara wkoll id-diskors tal-Prof. Dr. M. Schlachter fuq il-panil "ir-rikonċiljazzjoni bejn id-drittijiet soċjali fundamentali u l-libertajiet ekonomiċi" http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=471&eventsId=347&furtherEvents=yes.

għad-danni abbażi tad-deċiżjoni fil-kawża Viking-Line min-naħa tal-impjegaturi li jinvokaw elementi transfruntiera[41] għandu jitfakkar li għas-sitwazzjonijiet fejn elementi transfruntiera bħal dawn ma jeżistux jew huma ipotetiċi, għandha tittieħed azzjoni kollettiva biex ma jkunx hemm ksur tal-libertà tal-istabbiliment jew il-libertà li tagħti servizz. Dan tal-aħħar huwa bħa ħsara għall-konformità tal-azzjoni kollettiva mal-liġi u l-prattiki nazzjonali.

Tabilħaqq, riskju daqshekk kbir ta' responsabbiltà għad-danni fuq bażi ta' sitwazzjoni pjuttost ipotetika jew waħda fejn m'hemmx elementi transfruntiera, jista' jagħmilha diffiċli għat-trejdjunijs biex jużaw id-dritt tagħhom tal-istrajkjar, jekk mhux anki impossibbli, f'sitwazzjonijiet fejn il-libertà tal-istabbiliment jew il-libertà li tagħti servizz lanqas biss japplikaw.

### *3.4.3. Il-mekkaniżmi ta' soluzzjoni tat-tilwim*

L-Artikolu 3 jirrikonoxxi l-irwol u l-importanza ta' prattiki nazzjonali eżistenti marbuta mal-eżerċizzju tad-dritt tal-istrajkjar fil-prattika, inklużi istituzzjonijiet ta' soluzzjoni aletrnattiva tat-tilwim, bħall-medjazzjoni, il-konċiljazzjoni u/jew l-arbitraġġ. Il-proposta attwali ma tintroduċix bidliet f'tali mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni alternattiva li jeżistu fil-livell nazzjonali, u lanqas ma tinkludi jew timplika obbligu għall-introduzzjoni ta' mekkaniżmi bħal dawn għal dawk l-Istati Membri li ma għandhomx. Madankollu, għal dawk l-Istati Membri fejn jeżistu mekkaniżmi bħal dawn, jistabbilixxi l-prinċipju ta' aċċess indaqs għal każijiet transfruntiera u tipprevedi adattazzjonijiet mill-Istati Membri sabiex tiżgura li jiġi applikat fil-prattika.

Il-proposta ma tipproponix mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni informali tat-tilwim industrijali marbut mal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Impjieg tal-Ħaddiema fil-livell nazzjonali[42]. Mekkaniżmu bħal dan jintroduċi ċertu livell ta' kontroll preġuriżdizzjonali fuq l-azzjonijiet tal-unjoni, li jista' jservi mhux biss biex joħloq jew jikkostitwixxi ostakolu addizzjonali għall-eżerċizzju effettiv tad-dritt tal-istrajkjar, iżda jidher ukoll li jista' jkun inkompatibbli mal-Artikolu 153(5) TFUE, li jelimina espliċitament il-kompetenzi leġiżlattivi fil-livell tal-UE f'dan il-qasam.

Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 155 TFUE, il-proposta tirrikonoxxi l-irwol speċifiku tal-maniġment u tal-ħaddiema fil-livell Ewropew, u tistedinhom biex, jekk ikunu jixtiequ, jistabbilixxu linji gwida għall-modalitajiet u l-proċeduri ta' tali mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni alternattiva.

### *3.4.4. L-irwol tal-qrati nazzjonali*

Il-paragrafu 4 tal-Artikolu 3 ikompli jiċċara l-irwol tal-qrati nazzjonali: jekk, f'każ individwali, minħabba l-eżerċizzju ta' libertà fundamentali, ikun hemm restrizzjoni fuq libertà ekonomika, dawn ikollhom jilħqu bilanċ ġust bejn id-drittijiet u l-libertajiet ikkonċernati[43] u jirrikonċiljawhom. Skont l-Artikolu 52 (1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kull limitazzjoni fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-libertajiet rikonoxxut minnha

---

[41] Għal aktar dettalji ara r-rapport maħruġ mill-Kumitat ta' Esperti tal-ILO dwar dan il-każ, disponibbli fuq http://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_norm/---relconf/documents/meetingdocument/wcms_123424.pdf kif ukoll 'The dramatic implications of Demir and Baykara', K. Ewing and J. Hendy QC, Industrial Law Journal, Vol. 39, no. 1, Marzu 2010, p. 2-51, partikolarment il-paġni 44-47.

[42] Kif rakkomandat fir-rapport ta' Monti.

[43] Cf. Opinjoni AG Trstenjak fil-każ C-271/08, il-Kummissjoni v il-Ġermanja, il-punti 188 sa 190. Ara wkoll, b'mod iktar ġenerali, Barnard, 'Proporzjonalità u Azzjoni Kollettiva', ELR 2011.

għandu jirrispetta l-essenzjal ta’ dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Barra minn hekk, suġġetti għall-prinċipju tal-proporzjonalità, il-limitazzjonijiet jistgħu jsiru biss jekk ikunu neċessarji u jekk tassew jissodisfaw l-għanijiet ta’ interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-bżonn li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn[44]. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet ukoll li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jgawdu minn marġni wiesgħa ta’ diskrezzjoni f’dan ir-rigward. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, huwa meħtieġ test fi tliet stadji, fejn (1) l-adegwatezza, (2) il-bżonn u (3) kemm hi raġonevoli l-miżura inkwistjoni għandhom jiġu riveduti. F’każ ta’ kunflitt, bilanċ ġust bejn id-drittijiet fundamentali u l-libertajiet fundamentali jista’ jiġi żgurat biss “meta r-restrizzjoni minn dritt fundamentali fuq libertà fundamentali ma titħalliex tmur lil hinn minn dak li hu xieraq, meħtieġ u raġonevoli biex jiġi rrealizzat dak id-dritt fundamentali. Madankollu, min-naħa l-oħra, ir-restrizzjoni fuq dritt fundamentali minn libertà fundamentali lanqas tista’ tmur lil hinn minn dak li hu xieraq, neċessarju u raġonevoli biex tiġi rrealizzata l-libertà fundamentali.”.’[45]

Dan huwa mingħajr ħsara għall-possibbiltà li l-Qorti nnifisha tista’ tipprovdi indikazzjonijiet u kjarifiki, jekk ikun hemm bżonn, lil qorti nazzjonali fir-rigward tal-elementi li għandhom jitqiesu[46].

### *3.4.5. Il-mekkanizmu ta’ twissija*

L-Artikolu 4 jistabbilixxi sistema ta’ twissija bikrija li tirrikjedi lill-Istati Membri li jgħarrfu u jinnotifikaw minnufih lill-Istati Membri kkonċernati u lill-Kummissjoni, f’każ ta’ atti jew ċirkostanzi serji li jikkawżaw taqlib gravi fil-funzjonament kif suppost tas-Suq Uniku jew jikkawżaw tqanqil soċjali, għall-prevenzjoni u l-limitazzjoni tad-dannu potenzjali kemm jista' jkun possibbli.

## 4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit tal-UE.

[44] Opinjoni AG Cruz Villalon fil-każ C-515/08, dos Santos Palhota e.a, il-punt 53. Cf. Deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja 12.10.2004, każ C-60/03, Wolff & Müller, punt 44.

[45] Opinjoni AG Trstenjak fil-każ C-271/08, punt 190.

[46] Cf. deċiżjoni tal-11.12.2007, il-każ C-438/05, Viking-Line, punti 80 *et seq.*

2012/0064 (APP)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

## dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 352 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li ntbagħat l-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[47],

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Id-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva, li huwa korollarju tad-dritt għal negozjar kollettiv, huwa rikonoxxut kemm mid-diversi strumenti internazzjonali li ffirmaw l-Istati Membri jew ikkooperaw fihom, bħall-Karta Soċjali Ewropea, iffirmata f'Turin fit-18 ta' Ottubru 1961, il-Konvenzjonijiet Nru 87 u Nru 98 tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol rigward il-Libertà tal-Assoċjazzjoni u l-Ħarsien tad-Dritt ta' Organizzazzjoni u ta' Negozjar Kollettiv, u bl-istrumenti żviluppati mill-Istati Membri fil-livell tal-UE, bħall-Karta tal-Komunità tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema adottata fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew li saret fi Strasburgu fid-9 ta' Diċembru 1989 u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea proklamata f'Nizza fis-7 ta' Diċembru 2000, kif adottata fi Strasburgu fit-12 ta' Diċembru 2008, li għandha valur legali bħal tat-Trattati. Dan igawdi wkoll ħarsien kostituzzjonali f'għadd ta' Stati Membri.

(2) Id-dritt għal negozjar kollettiv u li tinnegozja u tidħol fi ftehimiet kollettivi jikkostitwixxi element inerenti tad-dritt tal-assoċjazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni")[48].

---

47 ĠU C , , p. .
48 Deċiżjoni tal-QEDB, it-12 ta' Novembru 2008, Demir.

(3) Id-dritt li tieħu azzjoni kollettiva ġie rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala dritt fundamentali li jifforma parti integrali mill-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni, li l-Qorti tiżgura li tiġi rispettata[49]. Madankollu, id-dritt tal-istrajkjar mhuwiex assolut u l-eżerċizzju ta' dak id-dritt jista' għaldaqstant jiġu suġġett għal ċerti kondizzjonijiet u restrizzjonijiet, li jistgħu jirriżultaw ukoll minn kostituzzjonijiet, liġijiet u prattiki nazzjonali.

(4) Kif ġie affermat mill-ġdid mill-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva għandu jitħares f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali.

(5) Skont l-Artikolu 152 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-irwol tal-imsieħba soċjali fil-livell tal-Unjoni għandu jkun rikonoxxut u promoss, u d-djalogu bejniethom jiġi ffaċilitat, b'kunsiderazzjoni tad-diversità tas-sistemi nazzjonali u b'rispett lejn l-awtonomija tal-imsieħba soċjali.

(6) L-Istati Membri jibqgħu liberi li jistipulaw il-kondizzjonijiet għall-eżistenza u l-eżerċizzju tad-drittijiet soċjali inkwistjoni. Madankollu, fl-eżerċizzju ta' dik is-setgħa, l-Istati Membri għandhom ikunu konformi mal-liġi tal-Unjoni, partikolarment id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz, li huma prinċipji fundamentali tal-Unjoni mnaqqxa fit-Trattat.

(7) Restrizzjoni fuq dawk il-libertajiet hija ġustifikata biss jekk ikollha fil-mira għan leġittimu kompatibbli mat-Trattat u tkun iġġustifikata minn raġunijiet prevalenti ta' interess pubbliku. F'dan il-kuntest, għandha tkun adegwata biex tikseb l-għanijiet fil-mira, u ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb.

(8) Il-ħarsien tal-ħaddiema, partikolarment il-ħarsien soċjali tagħhom u l-ħarsien tad-drittijiet tagħhom kontra d-dumping soċjali, kif ukoll ix-xewqa li jiġu evitati disturbanzi fis-suq tax-xogħol, ġew rikonoxxuti bħala raġunijiet prevalenti ta' interess ġenerali li jiġġustifikaw restrizzjoni tal-eżerċizzju ta' waħda mil-libertajiet fundamentali tal-liġi tal-Unjoni.

(9) It-trejdjunjins għandhom jibqgħu jkunu jistgħu jieħdu azzjoni kollettiva biex jiżguraw u jħarsu l-interessi, il-kondizzjonijiet tal-impjieg u d-drittijiet tal-ħaddiema, sakemm dan isir f'konformità mal-liġijiet u l-prattiki tal-Unjoni u dawk nazzjonali.

(10) Kemm il-libertajiet ekonomiċi fundamentali u kemm id-drittijiet fundamentali, kif ukoll l-eżerċizzju effettiv tagħhom, jistgħu jiġu suġġetti għal restrizzjonijiet u limitazzjonijiet.

(11) L-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva, inkluż id-dritt jew il-libertà li wieħed jistrajkja, u r-rekwiżiti relatati mal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz jista' jkun li jiġu rikonċiljati, skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, li ħafna drabi jirrikjedi jew jimplika li jsiru valutazzjonijiet kumplessi min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali.

[49] Deċiżjoni tal-11 ta' Diċembru 2007, il-kawża C-438/05, Viking-Line, punt 44, u tat-18 ta' Diċembru 2007, il-każ C-341/05, Laval, punt 91.

(12) Kull limitazzjoni fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-libertajiet rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għandha tkun prevista fil-liġi u tirrispetta l-essenzjal ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Il-limitazzjonijiet, suġġetti għall-prinċipju tal-proporzjonalità, jistgħu jsiru biss jekk ikunu neċessarji u jekk ġenwinament jissodisfaw l-għanijiet ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-bżonn li li d-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn jiġu rispettati.

(13) F'każ ta' kunflitt, bilanċ ġust bejn id-drittijiet fundamentali u l-libertajiet fundamentali jista' jiġi żgurat biss "meta r-restrizzjoni minn dritt fundamentali fuq libertà fundamentali ma titħalliex tmur lil hinn minn dak li hu xieraq, meħtieġ u raġonevoli biex jiġi rrealizzat dak id-dritt fundamentali. Madankollu, min-naħa l-oħra, ir-restrizzjoni fuq dritt fundamentali minn libertà fundamentali lanqas tista' tmur lil hinn minn dak li hu xieraq, neċessarju u raġonevoli biex tiġi rrealizzata l-libertà fundamentali." Sabiex tingħata ċ-ċertezza legali meħtieġa, tiġi evitata l-ambigwità u jiġi prevenut li jitfittxu s-soluzzjonijiet f'livell nazzjonali, jeħtieġ li jiġu ċċarati għadd ta' aspetti relatati, b'mod partikolari, mal-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva, inkluż id-dritt jew il-libertà li tistrajkja, kif ukoll kemm jistgħu jiddefendu u jħarsu d-drittijiet tal-ħaddiema f'sitwazzjonijiet transfruntiera.

(14) L-irwol prinċipali tal-imsieħba soċjali bħala l-atturi prinċipali fir-riżoluzzjoni ta' tilwim relatat ma' min iħaddem u l-ħaddiem, ġie stabbilit sew tul iż-żmien u għandu jiġi rikonoxxut. Barra minn hekk, l-irwol tal-mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim mhux legali, bħall-medjazzjoni, il-konċiljazzjoni u/jew l-arbitraġġ, li huwa previst f'għadd ta' Stati Membri għandu jiġi rikonoxxut u miżmum.

(15) Mekkaniżmu ta' notifika u ta' twissija għandu jippermetti li jsir l-iskambju xieraq u rapidu tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'sitwazzjonijiet li jikkawżaw xkiel kbir fil-funzjonament kif suppost tas-suq intern u/jew li jikkawżaw telf serju għall-individwi jew l-organizzazzjonijiet milquta.

(16) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, partikolarment il-libertà tal-għaqda u tal-assoċjazzjoni (l-Artikolu 12), il-libertà professjonali u d-dritt għax-xogħol (l-Artikolu 15), il-libertà tal-intrapriża (l-Artikolu 16), id-dritt ta' negozjar u azzjoni kollettiva (l-Artikolu 28), kondizzjonijiet tax-xogħol xierqa u ġusti (l-Artikolu 31), id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali (l-Artikolu 47), u għandu jiġi applikat skont dawk id-drittijiet u l-prinċipji.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Is-suġġett**

1. Dan ir-Regolament jistipula l-prinċipji ġenerali u r-regoli applikabbli fil-livell tal-Unjoni fir-rigward tal-eżerċizzju tad-dritt fundamentali li tieħu azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz .

2. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa b'xi mod l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali kif inhuma rikonoxxuti fl-Istati Membri, inkluż id-dritt jew il-libertà li tistrajkja jew li tieħu azzjoni oħra koperta mis-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali

speċifiċi fl-Istati Membri, f'konformità mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali. Lanqas ma jaffettwa d-dritt li wieħed jinnegozja, jikkonkludi u jinforza ftehim kollettivi u li jieħu azzjoni industrijali skont il-liġi u l-prattiki nazzjonali.

*Artikolu 2*

**Prinċipji ġenerali**

L-eżerċizzju tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz imnaqqxin fit-Trattat, għandu jirrispetta tad-dritt fundamentali li tieħu azzjoni kollettiva, inkluż id-dritt jew il-libertà li tistrajkja u min-naħa l-oħra, l-eżerċizzju tad-dritt fundamentali li tittieħed azzjoni kollettiva, inkluż id-dritt jew il-libertà li tistrajkja, għandu jirrispetta dawn il-libertajiet ekonomiċi għandu jirrispetta d-drittijiet ekonomiċi.

*Artikolu 3*

**Il-mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim**

1. L-Istati Membri, li skont il-liġi, it-tradizzjoni jew il-prattika nazzjonali tagħhom, jipprovdu mekkaniżmi mhux legali, , biex jissolva t-tilwim industrijali, għandhom jipprevedu aċċess għal dawk il-mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni alternattiva f'sitwazzjonijiet fejn tilwim bħal dan joriġina mill-eżerċizzju tad-dritt li tieħu azzjoni kollettiva, inkluż id-dritt jew il-liberta li tistrajkja, f'sitwazzjonijiet transfruntiera jew f'sitwazzjonijiet ta' natura transfruntiera fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-libertà tal-istabbiliment jew il-libertà li tagħti servizz, inkluża l-applikazzjoni tad-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi.[50].

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-maniġment u l-ħaddiema fil-livell Ewropew jistgħu, billi jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet, il-kompetenzi u l-irwoli tagħhom stabbiliti mit-Trattat, jikkonkludu ftehimiet fil-livell tal-Unjoni jew jistabbilixxu linji gwida fir-rigward tal-modalitajiet u l-proċeduri għall-medjazzjoni, il-konċiljazzjoni jew mekkaniżmi oħra għar-riżoluzzjoni straġudizzjarja jew mhux fil-qorti ta' tilwim li jirriżulta mill-eżerċizzju effettiv tad-dritt li tieħu azzjoni kollettiva, inkluż id-dritt jew il-libertà li tistrajkja, f'każijiet transnazzjonali jew ta' natura transfruntiera.

3. Il-modalitajiet u l-proċeduri għal riżoluzzjoni barra mill-qrati ma tistax tiċħad lill-partijiet interessati l-possibbiltà li jirrikorru rimedji ġuridiċi għat-tilwim jew il-kunflitti tagħhom, jekk il-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 1 ma jwasslux għal riżoluzzjoni wara perjodu raġonevoli.

4. Ir-rikors għal mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qrati għandu jkun mingħajr ħsara għall-irwol tal-qrati nazzjonali fit-tilwim industrijali fis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, partikolarment għall-valutazzjoni tal-fatti u l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, u fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, biex jiġi determinat jekk azzjoni kollettiva skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-liġi dwar il-ftehim kollettiv applikabbli għal dik l-azzjoni,

---

[50] ĠU L 18/1, 21.1.1997.

tmurx lil hinn, u jekk iva sa fejn, minn dak li hu neċessarju biex jintlaħaq/jintlaħqu l-għan/ijiet fil-mira, mingħajr ħsara għall-irwol u l-kompetenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja.

*Artikolu 4*

**Il-mekkaniżmu ta' twissija**

1. Meta jinħolqu atti jew ċirkostanzi serji li jaffettwaw l-eżerċizzju effettiv tal-libertà tal-istabbiliment jew il-libertà li tagħti servizz, li jistgħu jikkawżaw taqlib gravi fil-funzjonament kif suppost tas-suq intern u/jew li jistgħu jikkawżaw dannu kbir għas-sistema tar-relazzjonijiet industrijali tiegħu jew joħolqu tqanqil soċjali serju fit-territorju tiegħu jew fit-territorju ta' Stati Membri oħra, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma u jinnotifika minnufih lill-Istat Membru tal-istabbiliment jew tal-oriġini tal-fornitur tas-servizz u/jew Stati Membri rilevanti oħra kkonċernati kif ukoll il-Kummissjoni.

2. L-Istat Membru(i) ikkonċernat(i) għandu(hom) jirrispondi(u) kemm jista' jkun malajr għat-talbiet għal informazzjoni, mill-Kummissjoni u Stati Membri oħra, dwar in-natura tal-ostakolu jew it-theddida. Kull skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri għandu jintbagħat ukoll lill-Kummissjoni.

*Artikolu 5*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, 21.3.2012

*Għall-Kunsill*
*Il-President*